MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

## Zenith Funds Ltd - http://www.zenithfunds.com/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("**MFSA**") hija konxja ta' entità li qed topera taħt l-isem **Zenith Funds Ltd.** liema entità hija magħrufa li għandha preżenza fuq l-*Internet* fuq **http://www.zenithfunds.com/**. Din l-entità tgħid li hija kumpannija privata tal-investimenti reġistrata f'Malta b'P.O. Box u indirizz fiżiku f'Malta u tgħid li toffri opportunitajiet ta' investiment u servizzi finanzjarji oħra.

L-MFSA tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku, f'Malta u barra minn Malta, illi **Zenith Funds Ltd. MA HIX** kumpannija reġistrata f'Malta u **LANQAS** ma hi entità liċenzjata jew awtorizzata bi xi mod ieħor mill-MFSA biex tipprovdi xi tip ta' investiment jew servizz finanzjarju. Il-websajt **http://www.zenithfunds.com/** tikkontjeni informazzjoni falza u qarrieqa, inkluż użu illeġittimu ta' indirizz f'Malta li jappartjeni lill-kumpannija oħra mhux relatata u l-użu ta' indirizz ta' P.O. Box li ma jeżistix. Għaldaqstant, l-MFSA twissi lill-pubbliku biex ma jidħolx f'ebda transazzjonijiet jew b'xi mod ieħor jirrelata ma' **Zenith Funds Ltd**.

L-MFSA tixtieq tfakkar lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex ma jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji sakemm ma jkunux aċċertaw infushom li l-entità li magħha qed isir it-transazzjoni hija awtorizzata tipprovdi dawk is-servizzi finanzjarji mill-MFSA jew altrimenti minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji ta' reputazzjoni tajba.

Lista ta' entitajiet liċenzjati mill-MFSA hija disponibbli mingħand l-MFSA u tista' tiġi aċċessata minn fuq is-sit uffiċjali tal-MFSA fuq http://www.mfsa.com.mt/pages/licenceholders.aspx.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 01-2015**
**16 ta' Frar 2015**